MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2008

Numru 119/2000

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Nicholas Ciappara)**

**Versus**

**Clare Borg**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Clare Borg ta’ 20 sena bint Paul u Linda nee Peaerson imwielda Stepney, Londra, L-Ingilterra fl-10 ta’ Mejju 1979 u toqgħod 70 Flat 1 Victory Street Gżira numru tal-Karta tal-Identita’ 376997 (M)

a) Akkużata talli f’dawn il-Gżejjer fil-25 ta’ Settembru, 1998 u t-tnax-il xahar ta’ qabel din id-data, kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwarf il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kenitx fil-pussess ta’

awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-raba' u s-sitt taqsima tal-Ordinanza u ma kenitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kenitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga fil-pussess taħgha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġjiet ta' Malta;

b) Ukoll talli f'dawn il-Gżejjer fil-25 ta' Settembru, 1998 u l-erba' ġimgħat ta' qabel din id-data forniet jew ipprokurat, jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina speċifikatat fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna /i mingħajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta, u mingħajr ma kienet fil-pussess fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skodn id-dispożizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja li tipporkura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-egoli tal-1939, għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

ċ) Ukoll talli matul l-1998, assoċjat ruħha ma' xi persuna jew persuni oħra f'daawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f'dawn il-Gżejjer kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi jew ippromoviet, ikkostitwiet, organizzat jew iffanzjat din l-assoċjazzjoni, ud an bi ksur tal-artikolu 22(1)(f) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) talli saret reċidiva skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza mogħtija lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Mlata) fil-5 ta' Mejju 1997, Awla 13.

Il-Qorti ntlabet ukoll, sabeix f'każ ta' ħtija, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-fedina penali, iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 3769 tal-1979, l-ordni tal-Avukat Ġenerali tat-22 ta' Jannar 1999, is-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr.Saviour Demicoli fit-8 ta' Mejju 1997 (fol.7 – 9), l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputata a fol 14-15 u 16-17, id-dikjarazzjoni magħmula mid-difiża (fol.33) li s-sentenza esibita kienet mogħtija fil-konfront tagħha, id-dok AG (fol.34)li jikkomprendi fih Inkjesta magħmula mill-Maġistrat Dr.Giovanni Grixti fl-4 ta' Mejju 1999 intitolata 'Inkjesta dwar Sejba ta' Resina ta' Droga fuq Persuna, Enrico Mizzi Street, Tax-Xbiex nhar is-26 ta' Settembru 1998' flimkien mar-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud, u l-verbal tal-24 ta' Novembru 2006 li l-kawża kienet qed tkun differita għat-23 ta' Marzu, 2007 għall-aħħar darba għall-provi difiża (fol.82) wara li l-Prosekuzzjoni kienet għalqet il-provi tagħha fid-9 ta' Diċembru 2003. (Fol.62).(Ara wkoll il-verbal li jidher a fol.78 u fol.85).

Semgħet il-provi bil-ġurament.

Rat li wara li d-difża ddikjarat li ma fadlilhiex aktar provi fl-4 ta' Lulju 2008, ma saritx it-trattazzjoni fis-26 ta' Settembru, 2008 u li l-kawża għalhekk tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidrat

Skond is-Supretendent Nicholas Ciappara fil-25 ta' Settembru 1998, membri tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga kienu marru fil-fond Lourded Flata, Flat 1, Enrico Street Pieta' fejn sabu tliet persuni – Anna Grech, Raymond Grech (ir-raġel ta' Anna Grech), u lil Clare Borg. Fil-post instabu affarijiet relatati mad-droga. Anna Grech

ikkoperat mal-Pulziija u kkonfermat li l-affarijiet kienu tagħha waqt li qalet ukoll li kienet tat flus lil Clare Borg u din kienet xtrat żewġ qratas bl-eroina minn għand ċertu Camilleri.

**Stqarrijiet tal-Imputata.**

**L-ewwel Stqarrija**

Fl-ewwel stqarrija (25 ta' Settembru 1998), l-imputata qalet li meta waslet għand Anna Grech, l-affarijiet li jintużaw biex issajjar id-droga kienu diġa'fil-kċina. L-imputata sajret id-droga. Imbagħad imliet tliet siringi, waħda għaliha, waħda għal Anna u waħda għal Raymond. Dak il-ħin waslu l-Pulizija u hi armiet l-affarijiet għal isfel. Il-Pulizija sabu l-oġġetti taħt it-tieqa tal-kamra tal-banju.

**It-tieni Stqarrija.**

Fit-tieni stqarrija magħmula fid-29 ta' Settembru 1998, l-imputata qalet li d-droga li kienu ser jużaw fil-25 ta' Settembru 1998 kienet xtratha hi wara li Anna Grech tatha Lm20. Kienet xtrat żewġ pakketi smack. U cioe' eroina, u hi tatu Lm20 li kienet tatu Anna. Kienet ċemplet lil dan Amante madwar nfos siegħa qabel. Din ma kentix l-ewwel darba li xtrat id-droga minn għand din il-persuna.

**Xhieda Oħra tal-Prosekuzzjoni**

Xeħdet ukoll WPS 45 Marisa Bartolo li spjegat kif kienet elevate is-siringi u l-imgħarfa li kienu ntefgħu f'bitħa. L-imgħarfa kienet taqbel mas-sett li kien hemm fil-flat fejn kien hemm l-imputata.

Xehdet ukoll WPC 112 Florence Grech li kkonfermat dak li qal WPC 45 Marisa Bartolo dwar kif kienu nstabu l-affarijiet relatati mad-dorga. (fol.21).

Proċes-Verbal

Miknn dan il-Proces-Verbal jirriżulta li Anna Grech kienet ikkonfermat l-istqarrija tagħha quddiem il-Maġistrat Inkwirenti . Fost dettalji oħra, Anna Grech stqarret li keient tat Lm20 lill-imputata sabiex tixtri żewġ pakketti eroina (process verbal fol.15). Clare kienet sajret id-droga u Anna Grech kienet qaltilha sabiex timla tliet siringi u Anna ħadet daqqa billi mliet waħda mis-siringi. Dak il-ħin waslu l-Pulizija. Hi u l-imputata ġieli kienu ħadu d-droga flimkien fl-aħħar xahar.

L-Ispiżjar Mario Mifsud ikkonferma li fit-tliet siringi msemmija kienu nstabu traċċi tal-eroina.(ara fol.36 u r-relazzjoni fil-Proces Verbal a fol.34).

Xehdet ukoll Anna Grech (fol.48 et) u qalet li kienet tat flus lill-imputata sabiex marret tixtrilha żewġ pakketti eroina li effettivament tathomlha. (fol.49). Hi żiedet tgħid li kull meta l-imputata kienet xtratilha d-droga, ix-xhud dejjem kienet tatha l-flus. Dan kien isir fix-xhur ta' qabel l-1998. (Fol.50). Hija kkonfermat l-istqarrija ġuramentata li saret quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. (fol.51).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-imputata hija akkużata li kellha pussess tad-droga eroina u li ttraffikat d-droga eroina. Mill-provi jirriżulta (ara

(i) l-istqarrija tal-imputata stess kif ukoll
(ii) dak li xehdet Anna Grech u l-istqarrija ġuramentata ta' l-istess Anna Grech u
(iii) l-prova forensika mir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud)

li l-imputata kienet marret tixtri d-droga eroina minn għand terza persuna. Għad-droga li kienet intiża għal Anna Grech, din Anna Grech kienet tat il-flus lill-imputata.

Effettivament, l-imputata xtrat id-droga u tatha lil Anna Grech li kienet ħallset għaliha. Skond il-Liġi tagħna, bid-definizzjoni mogħtija ta' 'traffikar', l-imputata kienet qed 'tissupplixxi' d-droga eroina lil Anna Grech imqar jekk din kienet tatha l-flus sabiex tipprokurahielha. Il-fatt li l-

imputata m'għamlet ebda qligh minn tali forniment ma jfissirx li hi ma ttraffikatx għaliex mhux neċessarju l-element tal-qligħ biex jissusisti r-reat ta' traffikar.

Għaldaqstant, il-Qorti wara li għarblet il-provi prodotti, il-Qorti qed tikkonkludi li l-imputata hija ħatja kemm tal-pussess (l-ewwel imputazzjoni) kif ukoll tat-traffikar (it-tieni imputazzjoni) bl-ewwel imputazzjoni assorbita fit-tieni waħda ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

Dwar it-tielet imputazzjoni – dak ta' assoċjazzjoni ma' terza persuna – il-Qorti ma sabitx l-elementi meħtieġa għal dan it-tip ta' reat kif spjegati mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fil-każ 'Il-Pulizija versus Godfrey Ellul'. **Għaldaqstant qed tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni.**

Dwar ir-raba' imputazzjoni, ir-reċidiva, din kienet ippruvata minħabba li kienet prodotta s-sentenza u d-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli toqgħod ittella' l-prova dwar l-identita'. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputata ħatja tar-raba' imputazzjoni.

**Konklużjoni.**

**Il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kap 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, ir-raba' u s-sitt Taqsima, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), u 22(1B) tal-Kap 101 issib lill-imputata ħatja tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjoni bl-ewwel imputazzjoni assorbita fit-tieni imputazzjoni u qed tilliberaha mit-tielet imputazzjoni.**

**Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li l-imputata hija reċidiva. Għalhekk qed tikkundannaha għal sitt xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €466 liema multa titsta' titħallas b'rati ta' €100 Ewro kull xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx ilp-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din**

**għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.**

**Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 għaliex l-uniku espert maħtur inħatar waqt inkjesta li saret qabel is-16 ta' Jannar 2006.**

**Fl-aħħarnett dawn il-proċeduri twalu minħabba assenzi ripetuti tal-imputata nnifisha li naqset li ttella' l-provi minkejja li l-kawża ilha tistenna l-prova tagħha sa mid-9 ta' Diċembru 2003.**

**Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------